# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birzebbuga

### Laqgħa Nru. 18-07/2016

Data: 11 t'April 2016

Hin: 5.30pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Birzebbuga

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Barun (KB) | – *Sindku* |
| | Joe Cutajar (JC) | – *Viċi Sindku* |
| | Joe Baldacchino (JB) | - *Kunsillier* |
| | Leanne Grech (LG) | - *Kunsillier* |
| | Josette Busuttil (JBD) | - *Kunsillier* |
| | Stanley Zammit (SZ) | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | –*Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Herman Schiavone | - *Kunsillier* |
| Assenti: | Nil | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Mistoqsijiet lis-Sindku;
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
6. Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;

8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

9. Financial Statements 2015

10. Progetti

11. Tismija ta Toroq

12. Traffiku u parkeġġ

13. Indafa u Ambjent

14. Ġonna, Parks u Soft areas

15. Utilitajiet u Servizzi

16. Infrastruttura

17. Attivitajiet

18. Materji Oħra

19. Aġġornament.

## Minuti - 18-07/2016

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku KB ressaqt il-minuti tas-sbatax (17)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsilleir SZ għamel referenza għall-minuta 14.4 u talab li jitneħħa il-kliem "huwa tal-injam u". Il-Kunsill qabel nem con.

1.3. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-materja 4.3 u talbet li il-kliem "tad-disabled" jiġi sostitwit bil-kliem "għall-persuni b'abiltajiet differenti". Il-Kunsill qabel nem con.

1.4. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku JC favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien nem con .

1.5. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF

# 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 4.7 u informa li r-ring tal-basketball li kien vandalizzat kien inbidel proprju dak inhar.

2.2. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 4.3 u infurmat li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill, li għaliha kien hemm preżenti ukoll is-Sindku KB, sabiex jibda ix-xogħol fuq il-proġett imsemmi. Ġie propost li l-proġett isir fis-*soft area* ta' Triq Heracles.

2.2.1. Is-Sindku informa li saret talba lil-Perit sabiex jaħdem fuq proġett ta mhux iktar minn €100,000 u dan sabiex inżommu l-ispejjeż tal-Perit baxxi minħabba li huwa jitħallas bil-persentaġġ skont il-valur.

2.2.2. Il-Kunsill qabel li għanda issir laqgħa mal-Onor. Justyne Caruana, u dan sabiex jiġi determinat l-baġġit allokat, kif ukoll issir talba sabiex jekk hu possibli, jintuża is-servizz tal-perit tagħhom

2.3. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-materja 16.8 u informa li l-attività ta' Jum l-Anzjan ser tinżamm fid-29 t'April 2016. Huwa ippropona li l-Ġieħ l-Anzjan tas-Sena jingħata lil-ex-Sindku, is-Sur Joseph Farrugia.

2.3.1. Is-Sindku KB qal li iktar jagħmel sens jekk is-Sur Farrugia jingħata Ġieħ il-Lokalita' minħabba li huwa iktar ta' prestiġju, madankollu ma jsibx oġġezzjoni li jingħata l-Ġieh L-Anzjan tas-Sena ukoll.

2.3.2. Il-Kunsill qabel unanimanent li s-Sur Farrugia għandu jingħata iż-żewġ premjijiet

2.3.3. Il-Kunsillier JB irrimarka li ser ikun hemm ukoll numru ta rikonoxximenti ġenerali oħra għal dawk li jiġu nominati, u li jingħataw waqt l-attivita'

2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 3.5, u informa li kien hemm numru ta korrispondenza dwar Triq il-Port Ħieles. Huwa informa li sar miljorament fid-disinn tal-parkeġġ, sar aġġustament għar rampa tal-Mużew, u hemm il-qbil li id-disinn propost jiġi pproċessat kif inhu sabiex jinġagħabu l-approvazzjonijiet neċessarji. Nel frattemp, jekk ikun hemm bżonn xi tibdil, dawn isiru wara.

2.4.1. Il-Kunsill innota ukoll il-problema li inħolqot minħabba siġra tal-ħarrub, li issa ġiet fin-nofs. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-awtoritajiet kkonċernati sabiex din tiġi rilokata.

2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materji 4.6 u 4.9 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Sindku informa li ġiet imħabbra il-ġurnata tal-appell, il-5 ta'Mejju 2016.

2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 7.5. Huwa informa li saret talba għall-kjarifika lill Transport Malta jekk il-globu tal-belishia huwiex obbligatorju, jew jistax isir senjalazzjoni b'pupu jiċċaqlaq tal-LED minflok, però għad ma ġietx riċevuta risposta.

2.6.1. Il-Kunsill qabel li jsiru s-senjalazzjonijiet permezz tal-LEDs

2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 7.6 u informa li kien hemm żewġ applikazzjonijiet għal dan il-kors.

2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 11.4 u informa li t-tabelli tlestew.

2.8.1. Il-Kunsillier JBĐ żied li hemm bżonn jitwaħħlu tabelli "No Entry for Trucks" fit-Triq ta wara l-Alfresco.

2.9. Il-Kunsillier LG staqsiet jekk kienx hemm żviluppi fuq materja 11.1.

2.9.1. Il-Kunsillier SZ qali li tkellem ma Transport Malta rigward il-lights u s-senjalazzjoni u ġie infurmat li ser teħel lenti addizzjonali li turi l-vleġġa lejn il-Qajjenza. Huwa informa ukoll qabel is-sajf, possibbilment jiġu riveduti is-senjalazzjoni ta mal-art, madankollu dan ser isir wara li titwaħħal il-lenti addizzjonali.

2.9.2. Is-Sindku KB fakkar ukoll li għad baqa' parti mill-*junction* li għada ma saritx, u għalhekk talab li terġa titqajjem din il-kwistjoni ma Transport Malta.

2.10. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 14.2 u informa li l-lampi tlestew.

2.11. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 14.4 u irrimarka li wara diversi komunikazzjonijiet mal-Enemalta, il-Kunsill issuġġerixxa li l-arblu bil-bozza jitwaħħal tal-żona preżenti, jiġifieri wara l-ħajt tal-playing field, biex b'hekk ma jkunx hemm ostakli fuq il-bankini.

2.12. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 14.5 u saqsa dwar it-tibdil fir-rotta

2.12.1. Il-Kunsillier JBD irrimarkat li r-rotta l-ġdida mhux ħa sservi lir-residenti li jkunu iridu jmorru l-poliklinika ta Raħal Ġdid, kif ukoll lill-istudenti tal-MCAST.

2.12.2. Il-Kunsill innota li rotta 85 suppost tgħaddi minn quddiem il-ħabs, iżda jidher li dan mhux qed isir.

2.12.3. Is-Sindku KB talab lil-Viċi Sindku JC sabiex jieħu ħsieb din il-materja.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

3.1. Permezz ta e-mail mis-Sur Bonavia datata 15 ta'Marzu, fejn talab li tittieħed azzjoni mill-kunsill minħabba li numru ta karozzi qed jipparkjaw illegalment fuq il-bankina ta quddiem ir-residenza tiegħu, u qed jagħmlu ħsara fil-propjetà tiegħu.

3.1.1. Il-Viċi Sindku JC irrimarka li din il-problema ħolqot ukoll inkonvenjent lil-ġar tas-Sinjur Bonavia, li kontinwament qed ikissrulu l-ispralli tad-drenaġġ, liema sprall irrefera għalih l-istess Sur Bonavia.

3.1.2. Is-Sindku irrimarka li huwa mar fuq il-post, u vverifika li t-talba hija ġustifikata, għaldaqstant, għalkemm mhijiex prassi tal-Kunsill, huwa ssuġġerixxa li jsiru U-bollards.

3.1.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jsiru U-bollards, mingħajr preġudizzju.

3.2. Permezz ta' e-mail mill-Kumpanija TCTC datata 1 t'April 2016, fejn infurmaw li ser ikun qed jiġi organizzat Kors ġdid – 4-KIDS, u li iktar dettalji ser ikun qed jingħataw fil-ġranet li ġejjin.

3.2.1. Is-Sindku KB informa li r-Reġjun ser ikun qed jorganizza kors ukoll mingħajr ħlas għall-Kunsill, li jirrigwarda l-użu tal-Mobile u l-internet

3.2.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jiddiskuti dan il-Kors fid-dettall, hekk kif il-Kunsill jirċievi iktar informazzjoni.

3.3. Permezz ta' e-mail datata 24 ta' Marzu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta Marsaxlokk, fejn ġew iċċarat punti li tqajmu fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-proġett Iteneramed de.

3.3.1. Wara diskussjoni libera,il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan il-programm.

3.4. Permezz ta ittra datata 12 ta' Marzu 2016, mis-Socjeta Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga, fejn talbu permess sabiex jorganizzaw attività bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, fil-Bajja s-Sabiħa, "Festa Familja" fil-15 ta' Mejju.

3.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tinżamm l-attivita'. Madankollu il-Kunsill qabel li jiġi diskuss kif ser jiġi servut xi ikel li jista jkun hemm.

**NB: 6.27 pm – Il-Laqgħa ġiet xolta.**
**6.47 pm – Il-Laqgħa tkompliet.**

3.5. Permezz ta laqgħa mas Sur Noel Mallia, b'żieda mat-talba tiegħu sabiex jagħmel *storage* ta' sunbeds u umbrellel fil-Bajja s-Sabieħa, fejn issottometta id-disinn propost għall-din l-istruttura ta għeluq, (*enclosure)*.

3.5.1. Il-Kunsill innota li d-daqs propost huwa kbir, u qabel li għandu jitlob lis-Sur Mallia sabiex jirrevedi id-daqs. Il-Kunsill qabel ukoll li preferibbilment, din għanda issir tal-istess daqs bħal ta' persuni oħra li hemm fuq l-istess bajja. Il-Kunsill qabel li sabiex jitħaffef il-proċess, it-talba għandha tkompli diskussa permezz ta Memo interna.

3.6. Kwotazzjoni mingħamd il-Kumpanija Recowatt, sabiex issir it-tiswija neċessarja fiċ-charging station, li saret minn Attard Services, bħala kontribut lejn il-komunità

3.6.1. Il-Kunsill innota li għalkemm din għada ma ġietx mgħoddija formalment lill-Kunsill, fil-ġimgħat ta qabel kien hemm it-talba sabiex isir l-għoti taċ-ċwievet formalment.

3.6.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tissewwa l-ħsara, u nelfrattemp is-Sindku u il-Kunsillier JB jkellmu lid-diretturi tal-kumpanija, sabiex jekk hu possibli, l-ispiża tiġi assorbita minnhom.

3.7. Permezz ta' Ittra datata 5 t'April 2016, mingħand is-Sinjura Maria Borg, fejn talbet permess sabiex tpoġġi kaxxa għall-qtates fil-ħamrija ta Triq San Patrizju

3.7.1. .

3.7.2. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġranet li ġejjin ser tinżamm laqgħa bejnu u bejn NGO sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-qtates abbandunati u proġett li jista' jsir f'dan ir-rigward.

3.7.3. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li l-qtates għandhom ikunu f'post wieħed għall-raġunijiet ta ndafa u kontroll, u għaldaqstant ma laqax it-talba tas-Sinjura Borg

3.8. Permezz ta' ittra mingħand is-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, fejn talbu l-intervent tal-Kunsill sabiex il-kolonna u statwa li jarmaw tal-każin l-ieħor, ma jibqawx jintramaw fil-post li kienu jintramaw tul dawn l-aħħar snin, minħabba li s-Soċjeta qegħda fil-proċess li tikkonkludi xiri tal-propjeta biswit, u għaldaqstant dan l-armar issa ser ikun quddiem il-bieb tal-propjeta' tagħhom

3.8.1. Il-Kunsilliera JBD iddikjarat li hija mhux ħa tipparteċipa fid-diskussoni minħabba li jista jkollha kunflitt t'interess.

3.8.2. Is-Sindku irrimarka li l-bankina hija tal-Kunsill allura għandu ikun ikkonsultat. Huwa żied jgħid li din l-istatwa tista' tikkawża nuqqas ta armonija waqt il-Festa, xi ħaġa li ħadd ma jrid. Il-Kunsillier JB qal li l-istatwa hija propjetà tal-knisja, madankollu, jekk din l-istatwa se taffettwa l-aspett ta saħħa u sigurtà li huwa d-dekasteru tiegħu, allura ma jaqbilx li tibqa hemm.

3.8.3. Il-Kunsillier SZ qal li skont l-ittra, kemm il-Pulizija kif ukoll il-Kappillan, b'konsultazzjoni mas-Superjuri tiegħu kienu diġà ddeċiedew.

3.8.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tintbagħat talba għal kjarifika.

3.8.5. Il-Kunsillier SZ irrimarka li sakemm ma jkunx jaf ir-raġunar wara id-deċizjoni li ittieħdet mill-partijiet l-oħra skont l-ittra, ma jħossx li għanda tittieħed xi forma ta deċiżjoni mill-Kunsill.

3.8.6. Il-Kunsilliera preżenti, (eskluża il-Kunsilliera JBD minħabba materja 3.9.1) barra l-Kunsillier SZ qablu li, skont ir-risposta tal-kjarifika li l-Kunsill jirċievi, u / jew jekk ma tkunx solvuta l-materja amikevolment bejn il-partijiet, għall-benefiċċju tal-armonija fil-festa, Il-Kunsill jara għandux jintervjeni billi jissuġġerixxi post alternattiv fejn din l-istatwa tista' titpoġġa, per eżempju ħdejn l-uffiċju tal-Avukat Buġeja,

3.9. Is-Sindku Kevin Barun qal li f'Misraħ il-knisja hemm *planters* li fihom siġra tal-Oleander, u li f'wieħed minnhom kien hemm numru ta rapporti li fil-ħamrija qed ibejtu il-ġrieden.

3.9.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li dawn il-planters għandhom jitneħħew u minflokhom isir pavimentar tal-bankina, u jitqiegħdu pjanti ġo *pots*

3.10. Is-Sindku ressaq talba mingħand is-Sur Joe Camilleri, f'isem l-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa, fejn talab sabiex jiġi irranġat il-pont li hemm Wied il-Buni sabiex ikun operabbli.

3.10.1. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar dettalji bix-xogħlijiet rikjesti, u l-iskop għal din it-talba, sabiex eventwalment ikun jista' jiddeċiedi.

3.11. Is-Sindku KB ressaq disinn mingħand sid il-ħanut Country Style, liema disinn jippromwovi li togħla l-art ta quddiem il-ħanut tiegħu, il-wisgħa ta' Wesgħet Carmelo Cachia.

3.11.1. Il-Kunsill innota li l-istess ħanut, għamel tinda kbira fuq il-bankina, liema tinda tidher li hija fissa, u mhijiex lightweight canopy kif indikat fuq il-permess.

3.11.2. Il-Kunsill innota ukoll li l-istess ħanut waħħal madum fuq il-bankina tal-Kunsill, u għaldaqstant hemm bżonn tittieħed azzjoni.

3.11.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma laqax il-proposta minħabba li tali proposta tista' twassal għall-abbuż.

3.12. Permezz ta e-mail mingħand is-Sur Manuel Portelli, Venom Pro, fejn talab tibdil fuq it-talba li kien għamel għal numru ta Kunċerti biex jinżammu fil-Promenade ta Wied il-Buni.

3.12.1. Is-Sindku beda billi tkellem fuq il-korrispondenza li saret bejnu u bejn il-Kunsillier HS u li kienu ikkupjati il-membri tal-Kunsill, li qamet meta s-Sindku ħassar avviż minn fuq FB li kien tella' il-Kunsillier HS. Is-Sindku irrimarka li dan ma sarx b'dis-rispett lejn il-Kunsillier imma minħabba li dan l-avviż kien qed jippubliċizza kunċerti li mhumiex approvati mil-Kunsill, u għalhekk kienet informazzjoni skorretta.

3.12.2. Il-Kunsill innota li t-tibdil kien jinkludi ċaqlieq fil-ġranet mitluba, kif ukoll bdil fl-artisti.

3.12.3. Il-Kunsill innota li l-artisti suġġeriti m'għadhomx artisti lokali kif kienu oriġinarjament iżda saru kollha *tribute bands*, u għaldaqstant il-kunċerti kibru fin-natura tagħhom.

3.12.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma approvax li jinżammu il-kunċerti kif proposti, iżda lest li jikkunsidra li jkun hemm Tribute band kull ħmistax. Il-Kunsill qabel ukoll li m'għandux isir kunċert fil-25 ta' Ġunju li jkun qed jikkompeti mal-attività tal-Kunsill, "Inġeddu Tfulitna"

3.12.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jiżdiedu numru ta kundizzjonijiet, fosthom:

3.12.5.1. Li jsir arranġament mal-operaturi kummerċjali fiż-żona affettwata

3.12.5.2. Ikun hemm numru ta mobile toilets adegwat għall-folla li mistennija tattendi

3.12.5.3. Il-Permess tal-Kunċert għandu jingħata sal-11.00pm

3.12.5.4. Li l-Kunsill iżomm id-dritt li f'każ li jkun hemm inkonvenjenza għal-lokalita, il-permess jiġi irtirat u ma jkunx responsabbli għal ebda danni li jistaw jiġu sofferti.

3.12.6. Il-Kunsill innota wkoll li l-organizzatur għandu jiġi mgħarraf li m'għandux isir reklamar tal-attività' sakemm din ma tkunx approvata.
.

3.13. Is-Sindku informa li t-tender tas-Servizz tat-Tipper Truck ser jagħlaq sena f'Mejju 2016, u għaldaqstant il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx is-servizz.

3.13.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li s=servizz għandu jiġġedded għal sena, la darba il-Kunsill jista' jiddeċiedu fuq kemm il-ġurnata / siegħa ikolli bżonn is-servizz.

## 4. Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1. Il-Kunsill qabel li mistoqsijiet lis-Sindku jiġu integrati fil-materji tal-aġenda minħabba restrizzjoni fil-ħin

## 5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1. Ma Kienx hemm materji / rapporti u minuti tal-Kumitati / sotto-kumitati imressqa.

## 6. Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill

6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 04/16 li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-rizultat ikun favur unanimament.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2016, li ġie iċċirkolat minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kompla tejjeb il-FSI, fejn tejjeb l-indikatur b'0.4 % u li issa qiegħed -2.5%

7.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel osservazzjoni li l-Kunsill jonfoq ħafna iktar fondi biex iżomm żewġ latrini milli biex iżomm il-ġonna kollha tal-lokalita.

7.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ ssekondata mill-Kunsilliera LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi, bir-rizultat ikun favur unanimament.

7.4. Il-Kunsillier JB fakkar dwar il-bżonn li l-Kunsill javviċina lir-rappreżentant tal-Kumitat Konġunt sabiex il-Kunsill jiġbor il-flus li huma dovuti lejħ

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 9. Financial Statements 2015;

9.1. Is-Sindku KB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitkellem fuq il-materja,

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Financial Statements sal-21 t'Awwissu 2015 hekk kif aġġustati bir-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur tal-Gvern Lokali.

9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-aġġustamenti proposti mill-Awdituri kienu minimi ħafna, u kienu relatati partikularment fuq IFRS.

9.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JC ssekondata mill-Kunsillier JB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements imsemmija, bir-rizultat ikun favur unanimament.

9.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Financial Statements sal-31 ta' Diċembru 2015 hekk kif aġġustati bir-rakkomandazzjonijiet tal-Awdituri tal-Gvern Lokali.

9.6. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-aġġustamenti proposti mill-Awdituri kienu minimi ħafna, u kienu relatati partikularment fuq IFRS.

9.7. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements imsemmija, bir-rizultat ikun favur unanimament.

9.8. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk innutax kambjamenti partikolari jew xi nuqqasijiet oħra minn wara l-awditjar.

9.9. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li apparti l-fatt li Interim Audit huwa rikjest bil-liġi, wieħed irid jistenna dik li hija marufa bħala il-Management Letter biex jidentifika in-nuqqasijiet li seta kien hemm. Madankollu wieħed jistenna li fejn ikun hemm nuqqasijiet, isir ix-xogħol neċessarji biex dawn ma jibqawx isiru.

**NB: 8.25 pm – Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi estiża b'siegħa**

## 10. Proġetti

10.1. Is-Sindku informa li bħalissa qed isir xogħol relatat mal-offerta mal-proġett ta Tħaddir tal-Lokalita.

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva l-ewwel pagamant ta dan il-proġett, bl-ammont ta €22,5000

## 11. Tismija ta Toroq

11.1. Il-Kunsill innota komunikazzjoni li saret mill-Għaqda Storja u Kultura ta Birżebbuġa fejn issuġġerixxa isem għal grawnd tal-futbol.

11.2. Il-Kunsill qabel li l-għandu jinżamm rendikont / lista ta dawn is-suġġeriment, biex f'każ ta bżonn, l-informazzjoni tkun diġà għad-dispożizzjoni. Il-Kunsill qabel li dan ir-reġistru jista' jinkludi fih dawn l-ismijiet lis-Sur Temi Conti, is-Sur Charles Muscat, u is-Sur Joe Galea

11.3. Il-Kunsill qabel li t-triq preżentement bla isem, li tinsagħab kantuniera ma' Triq tal-Ġebel, parallela –il fuq ma' Trejqet Wied il-Klima, tissemma "Ta Mose' " minħabba l-konnotazjoni li hemm bejn is-Sur Mose' Camilleri u l-art taż-żona, fejn is-Sur Camilleri kien l-ewwel abitant fiż-żona, u għalhekk baqgħet tissejjah informalment bħala "Ta Mose".

11.3.1. l-Kunsill qabel unanimanent li jitlestew il-pjanti neċessarji għall-approvazzjoni.

## 12. Traffiku u Parkeġġ

12.1. Il-Kunsilliera LG infurmat li hemm xi tappieri quddiem l-HSBC li għandhom bżonn attenzjoni.

12.2. Il-Kunsilliera LG talbet li tingħata attenzjoni liż-żebgħa tat-toroq.

12.2.1. Is-Sindku informa li diġà beda l-proċess ta rifriskar ta żebgħa.

## 13. Indafa u Imbjent

13.1. Ma kienx hemm materji x'jiġu diskussi.

## 14. Ġonna, Parks u Soft Areas

14.1. Ma kienx hemm materji x'jiġu diskussi

## 15. Utilitajiet u Servizzi

15.1. Il-Kunsillier SZ tkellem fuq l-arblu li tmejjel fil-ġranet li għaddew, kawża ta siġra li tqaċċtet bil-Maltemp. Huwa qal li l-Enemalta ħadu azzjoni immedjata u dan ġie irranġat.

15.1.1. Il-Viċi Sindku JC irrimarka dawk is-siġar huma 3 li baqa minn sett li kien inqala, minħabba li huma siġar b'zokk dgħajjef ħafna u minhabba li kibru il-fuq, saru perikoluzi.

## 16. Infrastruttura

16.1. Is-Sindku KB qal li hemm bżonn li jibda isir ix-xogħol relatat mal-pont li kelli isir bejn il-bankina tal-Bajja s-Sabiħa u l-bankina ta fejn hemm il-Country Style.

## 17. Attivitajiet

17.1. Il-Kunsilliera JBD infurmat li l-attività inġeddu Tfulitna ser tinżamm fil-25 ta Ġunju. Hija offriet lil-membri tal-Kunsill li dawk kollha interessati li jistaw javviċinawha sabiex jitfassal il-programm.

17.2. Il-Kunsilliera JBD infurmat ukoll bl-attivitajiet l-oħra tal-Kunsill li huma Għawdex fis-26 ta Ġunju, Serata ta Għana fid-29 ta Ġunju ġewwa l-Qajjenza.u Ħarġa Għawdex fit-13 ta Lulju.

17.3. Il-Kunsilliera JBD infurmat li għas-serata ta Għana tkellmet mal-Kunsill Malti għal Arti u Kultura fejn ġiet organizzata laqgħa għal nhar il-Erbgħa li ġej. Hija infurmat li ser ikun hemm parteċipazzjoni ta numru ta għannejja, provduti mill-istess Kunsill.

17.4. Il-Kunsillier JBD infurmat li Jum Birżebbuġa ser jinżamm fl-10 ta Settembru.

17.4.1. Il-Kunsillier JBD infurmat li infetħu in-nomini. Is-Sindku qal li dan l-avviż ser jidher fil-magazine tal-Kunsill li jmiss.

17.4.2. Il-Kunsilliera JBD infurmat li ser isir programm fl-iskola, u fejn ser ikunu involuti it-tfal. Hija talbet lil-Kunsillier SZ jassistiha billi jħeġġeġ l-għaqdiet jipparteċipaw.

## 18. Materji Oħra

18.1. Il-Viċi Sindku JC tkellem dwar Triq ix-Xatt ta San Ġorġ li għalkemm hemm numru ta garaxxijiet, ma hemmx senjalazzjoni ta parkeġġi jew linji, u għaldaqstant tajjeb li jsiru. Dan qed iwassal biex persuni jitħarrku b'kontravenzjonijiet li mhumiex ġusti.

18.1.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm senjalazzjoni ta *Loading / Un Loading.*

## 19. Aġġornament tal-laqgħa

19.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 9 ta' Mejju 2016 fil-5.30pm. .

**(IFFIRMATI)** **(IFFIRMATI)**

*Kevin Barun*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 09 May 2016